# <u>Tribunal Industrijali</u>

## <u>Decizjoni Nru : 2752</u>

Kaz Nru. 3619/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Ludmilla Moraru (K.I.Nru 72688 A)

u

Mark Camilleri (K.I.Nru 555776 M)

*Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta*

**Illum : 13 ta' Settembru, 2021**

**<u>Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM</u>**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota minn Ludmilla Moraru ppreżentata lit-Tribunal Industrijali fid-19 ta' Frar 2018 fejn issostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kinitx għal raġuni valida skont l-Att tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta).

It-Tribunal Industrijali ra wkoll l-applikazzjoni ta' Ludmilla Moraru datata 18 ta' Ġunju, 2018, fejn tirreferi li t- tkeċċija tagħha ma kinitx ibbażata fuq raġuni tajba u għaldaqstant tali tkeċċija hija inġusta u mhux skont il-liġi.

Min-naħa tas-Sur Mark Camilleri fid-dikjarazzjoni datata fis-7 ta' April 2018 fir-rigward tat-talba magħmula minn Ludmilla Moraru bħala ex impjegata tiegħu. Hu jispjega li filwaqt li kien hemm raġunijiet biżżejjed li jiġġustifikaw it-terminazzjoni mill-impjieg tagħha, u li wara li pprova jikkonvinċi lil Ludmilla Moraru sabiex tbiddel l-attitudni tagħha, hi min-naħa l-oħra ddeċidiet li tirriżenja volontarjament, u jinsisti li ma saret l-ebda tip ta' pressjoni sabiex hi tieħu tali deċiżjoni u tirriżenja. Għaldaqstant is-Sur Mark Camilleri jitlob lit-Tribunal li ma jaċċettax it-talbiet li qiegħda tagħmel is-Sa Ludmilla Moraru.

Filwaqt li saru ħdax (11)-il seduta , ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fi żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

Ms Ludmilla Moraru li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrenti ser tkun rappreżentata mill-Avv. Josette Sultana.

Is-Sur Mark Camilleri minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ l-intimat li ser ikun rappreżentat mill-Avv. Michael Sciriha mgħejjun mill-Avv. Andrew Grima

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg tagħha fl-1 ta'Awwissu, 2015, mas-Sur Mark Camilleri bħala *Administrator* permezz ta' kuntratt definit ta' sena. Fl-1 ta' Awwissu, 2016, hija ngħatat il-post ta' *Accounts Clerk* fuq bażi indefinit, u li fit-23 ta' Ottubru, 2017, ir-rikorrenti ġiet itterminata mill-impjieg tagħha skont ir-raġuni mgħotija , dik ta' riżenja. Ir-rikorrenti, intavolat il-każ tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali fuq bażi ta' terminazzjoni sfurzata minn naħa tas-soċjetà intimata.

Is-soċjetà intimata tispjega l-fatti u kkonfermat li r-rikorrenti bdiet l-impjieg tagħha bħala ***Secretary/Administrator*** fuq kuntratt definit għal-sena, u li matul dan il-perjodu l-andament fix-xogħol tagħha kien wieħed aċċettabbli. Ir-rikorrenti ġiet mgħotija kuntratt indefinit bħal ***Accounts clerk*** u li matul il-perjodu li kienet tiffunzjona f'dan il-grad l-andament tagħha beda sejjer lura u beda jsir inaċċettabbli.

Wara sensiela ta' inċidenti rigwardanti x-xogħol u l-imġieba tagħha waqt il-ħin tax-xogħol id-Direttur tas-soċjetà intimata talab lir-rikorrenti sabiex jitkellmu f'laqgħa privata fejn jingħad li ġiet mitluba tbiddel l-anadament tagħha fuq ix-xogħol. B'danakollu, ir-rikorrenti tghat ir-riżenja tagħha u wara intavolat il-każ quddiem it-Tribunal.

**4. Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrenti, ma kien indikat ħadd bhal xhieda.

**4.2** Xhieda mressqa mis-soċjetà intimata skont il-lista annessa mad-dikjarazzjoni ppreżentata.

**5. Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti min-naħa tar-rikorrenti: kopja ta' affidavit datat 10/04/2018 Dok LM 1 sa LM 20; kopja tal-kuntratt tax-xogħol immarkat :
DocA; Doc1a sa 1d; 2d; 3a sa 3d; 4a sa 4d; Doc 5 ; 6a,b;7a;Doc9;2b;2c;4a;b;c;d;Doc5;5b; 6a;7a;7b;8;9;9a;10;11a;11b;11c;

**5.2** Ġew ippreżenatati numru ta' dokumenti min-naħa tas-soċjetà intimata mmarkati Doc MC1 sa MC5.

**6. Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**Mark Camilleri:** direttur soċjetà intimata " _______________*I decided that it was time that she takes over the whole spectrum of tasks herself not emm. The things that weren't handed over were basically the wages."*
*" Most of the work was uploaded by the draughtsmem themselves but there were occassions where they had a lot to upload and they would tell her like, scan these documents and upload them for us."*
*"She returned and they asked her that we needed to speak about this . Emm , to leave that day basically I had the meeting with the accountant and the next day was going abroad."*
*" __basically emm I pushed my views through that I was thinking that she was not performing well. That she had to try and be more diligent and cautious and things like that. And that was why we employed her and that she had sort of to remedy the situation. I explained to her that I even got help for her from the accountant so that she can organize herself better.Ms Moraru, on the other hand , said that she was not willing to work under that condition and she offered her resignation."*
***" She said that she wanted to resign" .***
***"I accepted the resignation and stopped there basically"***

**Chairman: "**What was your intention for the meeting ____________??**"**

**Avv. Andrew Grima:** *" Her working in line and fulfill her role" (Rif Sed 24/09---u 05/11/2018).*

**Avv. Andrew Grima:** "*Did you resign, Yes or No?.*

**Ludmilla Moraru***: "I did not resign because I wanted to resign" (*Rif Sed 18/03/2019).

**Avv. Andrew Grima:** *" OK. After you resigned and left the office____?).*

**Ludmilla Moraru:** "*I didn't resign. I was pushed*" (Rif Sed 02/03/2020)

**Chairman:** *"He told you what?".*

**Ludmilla Moraru:** *"I don't have any more job for you. I am going to pay you for four weeks and you resign. I told him I still have leave. He said take your leave and after send me email with the calculations and we sign the termination_____________" (Rif Sed 29/04/2019).*

**Avv. Andrew Grima: "________________***You are saying that you are fired. So this is crucial. What were the words he told you to fire you?"*

**Ludmilla Moraru:** " _________________ *I'm gonna pay you three weeks, what is the notice period. I don't see it kind on that. And you don't come anymore*" (Rif Sed 02/03/2020)

**Chairman:** *"So, whilst you were communicating with him,he never mentioned to you about what reasons he is giving?"*

**Ludmilla Moraru:** *"No, he never gave me a reason" (Rif Sed 27/05/2019.)*

**Chairman:** *Li kellha t-training tagħmilhom?*

**Daniela Zammit:** "*U żgur ċertissima . Għax hi mara kapaċi jiġifieri. Għalhekk dak id-diżappunt, li hi kapaċi*". (Rif Sed 18/03/2019 Paġ 7)
" *Dik qalitha li at one point ħassitha li kellha iktar milli she could handle*".

**Avv. Andrew Grima:** *"______jekk Ludmilla Moraru kinitx irriżenjat jew itterminalha l-impjieg??"*

**Daniela Zammit: "** *ma nfax ma kontx preżenti; il dik il-pożizzjoni tagħha naf li keċċieha. Pruvajt nifhem imma onestament ma fhimtx għadni. _______għax hi mara kapaċi"*( *Rif Sed 14/01/2019*).

**Avv. Andrew Grima:** *"_______________________________. The administrator checked your PC and he found these files which were totally unrelated to the work being done" (Rif Sed 02/032020).*

7. **Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avv. Josette Sultana**: għar-rikorrenti tat spjegazzjoni fuq il-professjonalità fl-andament tax-xogħol tagħha u li fi żmien sena r-rikorrenti kellha l-kuntratt tagħha minn wieħed definit mibdul għal wieħed indefinit.

**L-Avv. Josette Sultana :** sostniet li d-diversi nuqqasijiet li allegatamnet taħti għalihom l-esponenti unikament, liema nuqqasijiet ma ġewx a formali konjizzjoni tal-esponenti, u l-anqas ma ngħatat xi twissijiet dixxiplinarji fil-konfront taghha.

**L-Avv. Josette Sultana :** irrimarkat li r-rikorrenti ma kellha l-ebda kontestazzjoni fuq pagi dovuti u xi ħlasijiet oħra, iżda l-argument principali kien dejjem wieħed li hi kienet tkeċċija inġusta li ma kinitx timmerita.

**L-Avv. Andrew Grima:** għas-soċjetà intimata fit-trattazzjoni tiegħu jirreferi li ma kienx hemm ittra formali ta' riżenja kif ukoll li l-prestazzjoni tar-rikorrenti kienet ħażina ferm u n-nuqqasijiet ripetuti tagħha kienu effettivament wasslu sabiex toħloq problemi serji. Hu jirreferi għal-laqgħa li kienet msejħa sabiex ġiet mgħarrfa li kien hemm bżonn bidliet kbar fir-rendiment tagħha.

**L-Avv: Andrew Grima**: irrefera għax-xhieda "________*she was not willing to work under condition and she offered her resignation".* Ikkonkluda li jekk ir-rikorrenti tissottometti li hija tkeċċiet mill-esponenti_______________hemm raġunijiet tajba u suffiċjenti skont il-liġi sabiex l-impjieg tal-mittenti jiġi tterminat.

## 8. Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu nnota li r-rikorrenti kienet ilha fl-impjieg, b'kuntratti, wieħed definit li wara sar indefinit, għal-sitta u għoxrin xahar u li ġiet meqjusa bħal li rriżenjat wara li kellha diskussjoni mad-direttur tas-soċjetà intimata, barra mill-post tax-xogħol fuq talba tal-istess direttur u li minn dakinhar stess  ma kellhiex aktar aċċess sabiex tibqa' tidħol għax-xogħol.

Matul ix-xhur tal-impjieg qatt ma ġiet miġbuda l-attenzjoni tagħha li mhux qed taqdi d-doveri kif suppost jew li qed tikser xi regolament tas-soċjetà intimata.

Dan huwa każ simili għal hafna, meta kumpanija fil-bidu tagħha, bi ftit impjegati (tlieta 3) u b'ammont aċċettabbli ta' xoghol, tibda topera kif ingħad waqt il-proċess, qisha familja, fejn kulħadd jibda jagħmel l-almu tiegħu sabiex il-kumpanija tiggarantixxi l-għixien tal-impjegati tagħha. Jiġri li meta x-xogħol jiżdied konsiderevolment, kif ukoll jiżdiedu l-impjegati, f'dal każ (minn tlieta 3 għal disa' 9), (Rif Sed 05/09/2018) is-soċjetà beda jkollha dawk il-problemi ta' nuqqas ta' tqassim ekwu tax-xogħol skont il-mansjonijiet speċifiċi ta' kull impjegat.

Ġie nnutat li wara li nbiddlu xi impjegati u ġew oħrajn ġodda beda jkun hemm disgwid fuq min u kif għandu jsir ix-xogħol, li issa l-volum u l-urġenza tiegħu bdew jiżdiedu, u li dan id-disgwid kien qed jiffoka fuq ir-rikorrenti minħabba li hi kienet kemm Amministratur kif ukoll *Accounts Clerk* tal-uffiċċju, filwaqt li l-impjegati l-oħra kellhom il-professjoni speċifika tagħhom, iżda kien kulħadd jagħmel it-talbiet tiegħu għall-għajnuna lir-rikorrenti.

Huwa fatt importanti li ġie nnotat mit-Tribunal, meta nqala' d-diżgwid fuq it-tnaqqis tat-taxxa u li dan kien wieħed mid-doveri assenjat lir-rikorrenti mis-soċjetà intimata, u li kienet titgħallem u tistaqsi kif għandha timxi mar-regolamenti pubbliċi (Public policy regulations) waqt li tagħmel dan ix-xogħol. Dan il-fatt ma ġiex ikkonfutat bl-ebda mod mis-soċjetà intimata, u għaldaqstant ma ġiex ippruvat li r-rikorrenti kienet qiegħda tikser xi regolament, anzi bil-kontra, kienet qed isegwi dak li hu riferit bħala *Public Policy*.  Dan l-andament wassal sabiex is- soċjetà, skont indikazzjoni (Rif Doc 9A u Doc 10 ) bdiet tittieħed direzzjoni sabiex ir-rikorrent jibdew jittieħdulha doveri li kienu marbuta mal-grad propju tagħha.

It-Tribunal Industrijali nnota li r-rikorrenti filwaqt li kienet awmentat l-esperjenza fix-xogħol tagħha u anke kienet persuna fdata biċ-ċwievet tal-post tax-xogħol, mħollija tahdem b'kundizzjonijiet ta' xogħol flessibbli, għax kellha t-tfal, għenet fit-tkabbir tas-soċjetà intimata.  Madankollu, f'daqqa waħda ġiet imwaqqfa milli tidħol fil-post tax-xogħol wara li sabet is-serratura tal-bieb mibdula fiż-żmien qasir kif ukoll sabet it-tneħħija tal-password privata tagħha kif ukoll sar tfittix ta' informazzjoni minn fuq il-kompjuter tagħha mingħajr ma ġiet la infurmata jew mitluba permess.  Indirettament ġiet mitluba sabiex tagħżel sabiex tirriżenja mingħajr mhux biss lanqas mgħotija spjegazzjoni adekwata għalxiex kien qiegħed jiġi ssuġġeriet dan.  Kien innotat li f'26 xahar tax-xogħol mas-soċjetà ma kien hemm l-ebda referenza ta' xi twissijiet serji u aktar u aktar xi forma bażika ta' xi dixxiplina min-naħa tas-soċjetà intimata li b'hekk seta' jiġi indikat li r-rikorrenti kienet qed tonqos mid-dmirijiet tagħha u li dan kien qed iseħħ b'animu negattiv u premeditat sabiex hi titlaq mill-impjieg.

It-Tribunal innota li l-andament vis-à-vis ir-rikorrenti inbiddel tali li rriżulta li bdiet tiġi ttrattata negattivament u li nġiebet f'sitwazzjoni li ma kellhiex triq oħra ħlief li ma tattendix aktar għax-xogħol.

**9. Id-deċiżjoni.**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa in kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, osserva wkoll li fl-istorja tal-impjieg tar-rikorrenti, mis-sena 2012 'il quddiem dejjem għamlet l-almu tagħha sabiex ikollha impjieg u dan anke wara li hi spiċċat meqjusa bħal li rriżenjat minn mas-soċjetà intimata. Jidher ċar li r-rikorrent dejjem kienet motivata sabiex tagħmel kull tip ta' xogħol sabiex taqla' l-għixien tagħha.

It-Tribunal Industrijali dejjem ippronunzja ruħu li terminazzjoni minn impjieg tfisser il-piena kapitali fil-kamp Industrijali, u taffettwa kemm lill-impjegat kif ukoll min jimpjega, fiż-żminijiet tal-lum fejn il-ħtieġa ta' impjegati hija kbira. Ghalhekk it-Tribunal f'dan il-każ jidħollu dubju meta f'ħin jingħad li s-soċjetà intimata riedet li r-rikorrent tbiddel l-atteġjament tagħha sabiex tinżamm fl-impjieg filli f'ħin taċċetta riżenja mingħajr ma tagħmel l-ebda proċedura ta' dixxiplina fuq dak li allegament kienet għamlet ħażin.

Kien fatt ċar li filwaqt li r-rikorrenti qatt ma offriet riżenja jew aċċettat li għamlet hekk, min-naħa tagħha s-soċjetà intimata ssottomettiet formola ta' riżenja lill-Jobs Plus mingħajr ma kellha l-ebda konferma min-naħa tar-rikorrenti.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti kienet waħda ta' tkeċċija inġusta u ġġiegħel lis-soċjetà intimata tħallas kumpens ta' elefejn u ħames mitt euro (€2,500) fi żmien xahar minn din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat : Is-sur James Pearsall**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**
**Ghas-segretarja**